

# Snajja' li kien hawn fil-Qala

Toni Mizzi

Il-bniedem bl-intelliġenza li tah Alla, dejjem ħaddem moħħu, biex kemm jista' jkun jiffaċilità l-ħajja u jagħmilha aktar komda. Fl-imgħoddi fil-Qala, kien hawn nies tas-snajja' li bix-xogħol tagħhom kienu jgħaqqdu lill-klijienti fil-bżonnijiet li jkollhom u huma kienu jgħixu minn dan ix-xogħol. Hawn ta' min jgħid li l-popolazzjoni kienet iżgħar fl-imgħoddi u l-flus fl-idejn kienu skarsi.

## Is-sengħa tal-bini

Is-sengħa tal-bini kienet u għadha toħloq ċertu ritmu ta' progress, minħabba x-xogħol li toħloq. Fil-Qala, fl-imgħoddi kien hawn bennejja ta' ħila u naġġara kapaċi li jagħmlu xogħol tal-lavur, u dan meta l-kantun kien jieħu ħafna xogħol biex iġibuh skwerra. Fost bennejja li qed niftakar, insemmi lil Mikieli tal-Kuklu li kien joqgħod fi Triq il-Wardija, lil Anġlu Camilleri l-Bedeq li mar joqgħod in-Nadur, lil ħuh Frenċu li kien jagħmel xogħol ta' tiswijiet fil-bini, lil Salvu ta' Rafel u lir-Raħli. Imma naħseb, li l-aktar li baqa' jissemma huwa Toni Portelli u ħuh Anġlu tal-Kirċ. Toni Portelli wera l-ħila u l-kuraġġ li kellu, meta ħadem fit-tibdil li sar fil-Knisja Parrokkjali tal-Qala, fil-bini tal-koppla tal-Knisja Parrokkjali tal-Għasri u għadd kbir ta' djar li bena fil-Qala meta bdew jinfetħu t-toroq il-ġodda. Miegħu kellu jaħdmu naġġara kapaċismi bħalma kienu Anġlu Borg, Toni Mercieca, Ġużepp Grima, Mikieli Tabone, Ġużepp Mizzi, Toni Falzon, Ġużepp Buttigieg, Ċensu Magrin, Ġużepp Buttigieg u Manuel Buttigieg. Dawn huma li niftakar jien. Aktar tard Toni kien ħalla x-xogħol tal-bini f'idejn Anġlu ħuh li baqa' sa ma rtira bl-età.

## Ix-xogħol tal-ġebel tal-qawwi

Meta nsemmu x-xogħol tal-bini ma nistgħux ma nsemmux, li fil-Qala kien hawn ħaddiema li jaħdmu fil-ġebel tal-qawwi li kien jintuża fl-ewwel filati tal-faċċata tad-djar. Dan nistgħu narawh f'dawk id-djar li nbnew minn 60 sena 'l hemm u anke fil-Knisja





Parrokkjali tal-Qala. Ma' dan wieħed irid isemmi l-kwantità kbira ta' ġebel li ħareġ u għadu ħiereġ għall-postijiet oħra f'Għawdex, Malta u anke l-Ingilterra. Dawn il-ħaddiema kienu ta' sengħa kbira, għad li l-għodda li kellhom kienu għodda primittivi. Ma nistax ma nsemmix lil Salvu Mifsud u ibnu Ġużepp li kienu jaħdmu fil-barriera ta' 'Għar id-Dar'. F' Ħondoq kien hemm gaj ta' ħaddiema mmexxija minn Toni u Ġanni Mizzi. Il-ħaddiema kienu Salvu Mizzi, Anġlu Portelli, Karmelo Abela, Mikieli Camilleri, Ġużepp Cassar u oħrajn li nsejt isimhom. L-aħħar ġebel li Ġanni Mizzi ħadem għad-djar kien fl-1955, għal dar fi Triq il-Forn, il-Qala u dar oħra fi Triq Xandriku, in-Nadur.

## Is-sengħa tal-mastrudaxxa

Il-bini tad-djar, joħloq xogħol għall-mastrudaxxi u l-kaħħala. Il-mastrudaxxi li kien hawn il-Qala fl-antik, kienu l-aħwa Ġużepp u Karmnu Mercieca ta' 'Pietru', li kienu jaħdmu fi Triq il-Wileġ u l-aħwa ta' 'Manweli', Ġużepp, Karmnu, u Pinu li kienu jaħdmu fi Triq it-Telgħa. Dawn ta' 'Manweli' barra x-xogħol ta' mastrudaxxa, kienu jsinnu s-skieken u l-imqassijiet, u għodda oħra li jintużaw fir-raba'. Karmnu kien isewwi l-arloġġi wkoll, li dak iż-żmien kienu popolari, l-arloġġi tal-kampnari. Dawn l-aħwa ta' 'Manweli' ħadmu ma' Kalċidon Bugeja li kien skultur minn Malta, meta saru xi opri tant sbieħ li hemm fil-Knisja Parrokkjali tal-Qala, fosthom, il-pulptu, il-konfessjonarji, u l-kor li hemm wara l-artal maġġur. Ġużepp, wieħed minn dawn l-aħwa, ħadem ħafna xogħol ta' skultura fil-ġebla fil-Knisja Parrokkjali. Żewġ aħwa mastrudaxxi oħra kienu Ġużepp u Toni Portelli ta' 'Pasku', li kienu jaħdmu fi Triq il-Kunċizzjoni. Wara dawn li semmejt kien hawn Karmnu Portelli tax-Xirmi, u Ġużepp Mifsud tar-'Raġel', illum irtirati. Dawn ħadmu xogħol fl-injam, fil-Knisja Parrokkjali u fis-Santwarju tal-Kunċizzjoni.

## Is-sengħa tal-iskarpan

Dari li tara nies ħafjin kienet komuni, anke fil-kesħa tax-xitwa, u fis-sħana tas-sajf iżjed, saħansitra l-knisja. It-tfal kienu jmorru l-iskola ħafjin, aħseb u ara fl-għelieqi u portijiet oħra. Imma għalkemm qiegħed ngħid dan, fil-Qala, kien hawn żewġ skrapan li kienu jgħixu minn dan ix-xogħol. Wieħed kien Vitor Sultana u l-ieħor kien Ġużepp Buttigieg. Vitor il-'Bozz' kien jagħmel żraben tal-irġiel u tan-nisa. Għat-tfal, kien ikollu ħafna għat-tiswija. Meta bdew jiġu ż-żraben u s-sandlijiet ta' barra, Vitor beda jbigħ minnhom u jagħmel it-tiswija. Ġużepp iż-'Żonoċ' kien jagħmel sandlijiet tal-irġiel, għal dawk li jordnawlu u kien jagħmel ukoll oħrajn li kien ibigħhom nhar ta' Ħadd ir-Rabat. Illum din is-sengħa spiċċat mhux biss mill-Qala imma anke minn Għawdex.



## Is-sengħa tal-qasab u n-nases tal-ħut

Sengħa oħra li kien hawn il-Qala, kienet ta' dawk li jaħdmu l-qfief u l-bxiekel, il-kannestri u l-qratal. Dawn kienu jintużaw għal diversi ħtiġijiet. Kienu jaħdmuhom bil-virgi u l-qasab. Jien niftakar tlieta li kienu jaħdmu dan ix-xogħol. Wieħed kien Toni Thewma tax-'Xirmi' li kien jaħdem fi Triq is-Salib, ieħor kien Wenzu Cutajar tal-'Bett' li kien jaħdem fi Triq Ħondoq u ieħor kien Ċikku Cefai ta' 'Bûno' li kien jaħdem fi Triq il-Belveder. Meta spiċċaw dawn il-persuni spiċċat ukoll din is-sengħa mill-Qala. Fi Triq il-Kunċizzjoni, niftakar lil Salvu r-'Raff' li kien jaħdem in-nases tal-ħut ġo kamra li llum ma għadhiex teżisti. Kien dejjem bil-pipa f'ħalqu. Salvu kien jerfa' t-tebut fil-funerali wkoll. Illum din is-sengħa għadu jagħmilha Luretu Abela tal-'Ħanin', jiġifieri n-nases tal-ħut.

## Is-sengħa tal-bajjad

Meta niġu biex nitkellmu fuq is-sengħa tal-bajjad, hawn il-Qala kien hawn nies kapaċi f'dan ix-xogħol. Bħalma kienu Mikieli Mifsud ta' 'Għażli' li għallem din is-sengħa lin-neputijiet tiegħu Wenzu Buttigieg, Toni Mifsud, Ġużeppi Vella u Anġlu Buttigieg. Kien hawn oħrajn li kienu jagħmlu xogħol ta' tibjid biss, dak iż-żmien bil-ġir għax iż-żebgħa tal-ilma ma kienx hawn. Għal xogħol bħal dan kien hawn Bernard Vella ta' 'Trejża' u Ġużepp Buttigieg 'iż-Żibġa'.

## Ix-xogħol tal-bizzilla

Bħalma semmejt xogħol li kienu jagħmlu l-irġiel, ma nistax ma nsemmix ix-xogħol li kienu jagħmlu n-nisa. Qiegħed ngħid għax-xogħol tal-bizzilla. Dari n-nisa kważi kollha kienu jafu jaħdmu l-bizzilla imma kien hemm xi wħud li kienu jaħdmu ċerti disinni diffiċli



Randan fuq din l-inġustizzja ma' dawk li jaħdmu l-bizzilla. Illum biex din is-sengħa ma tinqeridx bħalma ġralhom snajja' oħra, il-Gvern joffri korsijiet tal-bizzilla, u dawk il-ftit li jaħdmu l-bizzilla, jagħmluh bħala passatemp.

## Ix-xogħol tal-ġummar

Il-Qala kienet magħrufa wkoll għall-kpiepel tal-ġummar, li dari kienu jintużaw ħafna, l-aktar mill-bdiewa fir-raba' u dawk li jaħdmu fix-xemx. Il-Qala kien hawn familji li kienu jagħmlu dan ix-xogħol bħall-familja Scicluna, li kienu joqogħdu fejn is-Salib, il-familja ta' Karmena Vella, il-familja ta' Marija Buttigieg u l-familja Abela. Dawn kienu jaħdmu kpiepel ta' qisien differenti u ġwielaq kbar u żgħar. Dawn kienu jinbigħu hawn fir-raħal u anke r-Rabat u Malta. Meta bdew jiġu l-kpiepel u l-basktijiet ta' barra din is-sengħa waqfet weħidha.

u ta' ċertu kobor. In-nisa kienu jagħmlu sigħat twal f'dan ix-xogħol bit-tama li jagħtuhom xi ftit flus. Imma dawk li kienu jixtru l-bizzilla, tant kienu jħallsu ftit li saħansitra anke l-isqof t'Għawdex Mons. Nikol G. Cauchi kien tkellem f'waħda mill-pastorali tar-



## Il-ħajjata

Dari ma kienx hemm il-kumdità bħal-lum li tmur fil-ħanut tal-ħwejjeġ u tixtri dak li tkun tixtieq u jkunu lesti, imma kienu jixtru d-drapp u jeħduh lill-ħajjata biex tħitilhom dak li jixtiequ. Fil-Qala kien hawn ħajjata f'naħiet differenti tar-raħal, bħal ġol-pjazza kien hemm tnejn; raġel u mara, tlieta fi Triq il-Kunċizzjoni, kien hemm tnejn fuq 'il-Ġebel', tnejn ġo tas-'Salib', u tnejn oħra fuq ta' 'Ċini'. In-nies kienu jmorru għand dawn il-ħajjata biex iħitulhom dak li jkollhom bżonn. Illum tant hawn ħwienet tal-ħwejjeġ ta' kull kwalità u għamla li dawn il-ħajjata kważi spiċċaw. Ma nistax ma nsemmix lil dawk li kienu jagħżlu s-suf tan-ngħaġ. Dari ma kontx issib ħwejjeġ jew ħajt tas-suf għall-bejgħ, u allura n-nies meta kienu jġiżżu n-ngħaġ, l-ewwel kienu jaħsluh sewwa, u jneħħulu xi ħmieġ li jkollu, biex wara jeħduh lil xi ħadd biex jagħmilulhom ħajt, jew kif kienu jissejħu, jagħżlu s-suf. Dan ix-xogħol kienu jagħmluh ftit ftit b'subgħajhom, il-ħajta wara li jinbaram bil-magħżel kien jitgebbeb fuqu, meta jimtela l-magħżel kienu jagħmluh kobba. Il-ħlas kien jiġi kkalkulat bl-użin tal-kobob. Kien ħlas miżeru bħal tal-bizzilla, meta tqis il-ħin twil li kien jieħu biex issir. Waħda minn dawn li kienet tagħmel dan ix-xogħol kienet in-nanna tiegħi tal-'Prim'. Ma rridx ninsa li kien hawn ukoll xi nisa li kienu jagħmlu d-duwa tal-'qatgħa', għax hekk kienu jsejħulu. Kienu jagħmluh mill-ħxejjex, kellu togħma morra ħafna u kien jixorbu min kien jieħu xi qatgħa kbira.

## Il-bennejja tal-ħitan tas-sejjieħ

Fl-aħħar irid insemmi lil dawk li jibnu l-ħitan tas-sejjieħ. Kellhom kapaċità kbira għal dan ix-xogħol. Bħalissa qed niftakar tnejn; lil Ġużepp iċ-'Ċallu' u lil Toni Thewma tal-'Lewżu'. Toni kellu ħila wkoll fil-bini tal-birien, kien jibnih bħall-qanpiena li fuq jingħalaq f'bokka kemm jgħaddi l-barmil.

Wara li semmejt xi snajja' u xi nies li kienu jaħdmu fihom, irrid insemmi wkoll li kien hawn min kien jifhem fl-annimali. Iż-żmien li qed ngħid għalih jiġifieri aktar minn 60 sena ilu mal-kelma veterinarju, la kienet tissemma u lanqas kienu jeżistu f'Għawdex. Imma f'sitwazzjoni ta' bżonn li kien ikollhom, minħabba xi annimal u hawn sewwa li ngħidu, li dari kważi kull familja kienu jrabbu l-annimali, kienu jmorru għal xi wieħed li jifhem fl-annimali. Bniedem li kienu jfittxuh ħafna kien Ġużepp ta' 'Galol'. Kien tajjeb ħafna biex jgħin l-annimali, biex iwelldu, jew meta xi annimal jikser xi sieq, kien jirranġa l-annimal mingħajr ma jippanikja xejn.

Illum ħafna minn dawn is-snajja' spiċċaw mal-mixja tal-progress, li ħadd ma jista' jżommu, xi kultant il-kunsilli lokali jew il-gvern jagħmlu xi wirjiet, jew rappreżentazzjonijiet ta' dawn is-snajja' biex ma jintesewx għal kollox.

